



BANK ĊENTRALI EWROPEW

7 ta' Diċembru 2004

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

RAPPORT FINANZJARJU KONSOLIDAT TA' L-EWROSISTEMA tat-3 ta' Diċembru 2004

I. Partiti li m'għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Fil-ġimgħa li ntemmet fit-3 ta' Diċembru 2004, it-tnaqqis ta' EUR 34 miljun f'**deheb u ammonti riċevibbli f'deheb** (il-partita nru. 1 ta' l-attiv) irrifletta l-bejgħ ta' deheb li għamel wieħed mill-banek ċentrali ta' l-Ewrosistema (skond il-Ftehim tal-Bank Ċentrali dwar id-Deheb tas-27 ta' Settembru 2004).

Il-pożizzjoni netta ta' l-Ewrosistema fi flus barranin (partiti nri. 2 u 3 ta' l-attiv nieqes il-partiti nri. 7, 8 u 9 tal-passiv) baqgħet prattikament l-istess jiġifieri EUR 167.6 biljun.

L-investimenti ta' l-Ewrosistema **tat-titoli negozjabbli tar-residenti taż-żona ta' l-euro u denominati f'euro** (partita nru. 7 ta' l-attiv) żdiedu b'EUR 0.1 biljun għal-EUR 71.2 biljun. **Il-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni** (partita nru. 1 tal-passiv) żdiedu b'EUR 11.6 biljun għal EUR 485.2 biljun. L-**obbligazzjonijiet lejn il-gvern ġenerali** (partita nru. 5.1 tal-passiv) naqsu b'EUR 7.8 biljun għal EUR 60.1 biljun.

II. Partiti li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja

Is-self nett ta' l-Ewrosistema lill-istituzzjonijiet ta' kreditu (il-partita nru. 5 ta' l-attiv barra mill-partiti nri. 2.2, 2.3, 2.4, 2.5 u 4 tal-passiv) żdied b'EUR 3.6 biljun għal EUR 348.6 biljun. Nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru 2004, immaturat **operazzjoni ewlenija ta' rifinanzjament** ta' EUR 270 biljun u ġiet regolata waħda ġdida ta' EUR 273.5 biljun.

Ir-rikors għall-**faċilità ta' self marġinali** (partita nru. 5.5 ta' l-attiv) kien ta' EUR 0.1 biljun (meta mqabbel ma' prattikament xejn fil-ġimgħa ta' qabel), filwaqt li r-rikors għall-**faċilità tad-depożitu** (partita nru. 2.2 tal-passiv) kien ukoll EUR 0.1 biljun, jiġifieri bejn wieħed u ieħor l-istess bħal tal-ġimgħa ta' qabel.

III. Kontijiet kurrenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro

Minħabba t-transazzjonijiet kollha, il-pożizzjoni tal-**kont kurrenti** li l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ma' l-Ewrosistema (il-partita nru. 2.1 tal-passiv) naqset b'EUR 0.6 biljun għal EUR 137.1 biljun.

Bank Ċentrali Ewropew

Taqsimat Stampa u Informazzjoni

Kaiserstrasse 29, D-60311 Frankfurt am Main

Tel.: +49 69 1344 7455, Fax: +49 69 1344 7404

Website: <http://www.ecb.int>

Ir-riproduzzjoni hi permessa bil-patt illi tiġi rikonoxxuta din l-istqarrija.



BANK ĊENTRALI EWROPEW

Rapport finanzjarju konsolidat ta' kull ġimgħa ta' l-ewrosistema tas- 3 ta' Diċembru, 2004

(EUR miljun)

Attiv	Bilanċ fis- 3 ta' Diċembru, 2004	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba t- transazzjonijiet	Passiv	Bilanċ fis- 3 ta' Diċembru, 2004	Differenza mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel mħabba t- transazzjonijiet
1 Deheb u krediti f'deheb	130,310	-34	1 Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni	485,200	11,646
2 Talbiet dovuti minn persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'munita barranija			2 Obbligazzjonijiet lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro relatati ma l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'ewro		
2.1 Ammonti riċevibbli mill-FMI	25,614	-23	2.1 Kontijiet kurrenti		
2.2 Bilanċi mal-banek u titoli ta' nvestiment			(li jkopru s-sistema ta' riservi minimi)	137,104	-563
Self barrani fiss u assi oħra barranin	140,167	912	2.2 Faċilità ta' depożitu	97	41
Self barrani u assi oħra esterni	165,781	889	2.3 Depożiti fissi	0	0
3 Talbiet dovuti minn residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'munita barranija	18,321	238	2.4 Operazzjonijiet temporanji ta' <i>fine-tuning</i>	0	0
4 Talbiet dovuti minn persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro			2.5 Depożiti relatati ma' sejħiet għal-ħlas jew għid marġinali	0	-7
4.1 Bilanċi mal-banek, titoli ta' investiment u self fiss	7,955	589		137,201	-529
4.2 Talbiet li jirżultaw mill-faċilità ta' kreditu taħt I-ERM II	0	0	3 Obbligazzjonijiet oħra lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro	125	0
	7,955	589	4 Ċertifikati ta' dejn maħruġa	0	0
5 Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro, relatat ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja u li hu denominat f'ewro			5 Obbligazzjonijiet lil residenti oħra fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro		
5.1 Operazzjonijiet ewlenin ta' ri-finanzjament	273,502	3,504	5.1 L-amministrazzjoni pubblika	60,064	-7,819
5.2 Operazzjonijiet ta' ri-finanzjament għal żmien itwal	75,000	0	5.2 Obbligazzjonijiet oħra	6,807	948
5.3 Operazzjonijiet temporanji ta' <i>fine-tuning</i>	0	0		66,871	-6,871
5.4 <i>Reverse operations</i> ta' tip strutturali	0	0	6 Obbligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro	10,354	715
5.5 Faċilità ta' self marġinali	144	144	7 Obbligazzjonijiet lil residenti fiż-żona ta' l-ewro denominat f'munita barranija	305	51
5.6 Krediti relatati ma' sejħiet għal ħlas jew għid marġinali	3	-4	8 Obbligazzjonijiet lil persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'munita barranija		
	348,649	3,644	8.1 Depożiti, bilanċi u obbligazzjonijiet oħra	10,351	1,048
6 Drittijiet oħra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro	1,811	149	8.2 Obbligazzjonijiet ġejjin mill-faċilità ta' kreditu taħt I-ERM II	0	0
7 Titoli ta' sigurtà ta' residenti fiż-żona ta' l-ewro denominati f'ewro	71,215	52		10,351	1,048
8 Dejn ġenerali ta' l-amministrazzjoni pubblika denominat f'ewro	42,044	-5	9 Il-kontroparti ta' drittijiet ta' għid speċjali allokati mill-FMI	5,807	0
9 Assi oħra	119,389	888	10 Passiv ieħor	58,689	347
			11 Kont tar-rivalutazzjoni	70,696	0
			12 Kapitali u riżervi	59,876	3
Assi Totali	905,475	6,410	Total tal-passiv	905,475	6,410

Hu possibbli illi t-totali ma jikkorrispondux mas-somma tal-komponenti varji mħabba li s-somma ġiet miżjuda jew imnaqqsa sa l-eqreb numru sħiħ